# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 290/2015**

Il-Pulizija

vs

**Sean Vella**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 5000081(M)

Illum 16 ta’ Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Sean Vella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-4 ta' Marzu, 2015 fit-03.00 p.m. bil-vettura ġewwa Triq l-Imdina, Qormi

(1) Għamilt xi ħaġa mill-imsemmija attivitajiet kummerċjali mingħajr liċenzja tal-awtorita kompetenti meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi (Kap 9 Artikolu 338(gg)

(2) Soqt jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur mingħajr pjanċi ta' reġistrazzjoni jew l-imsemmija pjanċi kienu maħruġa minn xi awtorita’ kompetenti oħra (LS 368.02 Artiklu 32 (7)

(3) Kellek vettura bil-mutur fit-triq kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa mill-Awtoritajiet għat-trasport f'Malta u nqast li ġġeddida kull sena (L.S. 368.02 Artiklu 13 (1)

(4) Iġġestejt xi attivita kummerċjali minn xi post jew minn barra ta' post li huwa regolat minn regolamenti (LS 441.07 Tieni Skeda Sec 0.4)

(5) Iġġestejt xi attivita kummerċjali fit-triq , inkluż bejgħ, tiswija jew xi ħasil f'xi parti tat-triq ta' vetturi, bil-ħsieb għall-bejħ, fejn il-vettura kienet immarkata bi kliem li jindikaw l-intenzjoni għall-bejgħ (Nissan March) (L.S 441.07 Tieni Skeda Sec 0.5)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li lliberatu mill-akkużi numru wieħed (1), erbgħa (4), ħamsa (5), sabitu ħati tal-akkużi numru tnejn (2) u tlieta (3), kkundannatu multa ta' €500 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Lulju, 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzarju ieħor.

Rat ir-rikors tal-appellanti Sean Vella minnu ppreżentat fit-3 ta' Ġunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx ħtija mill-ewwel , raba' u l-ħames akkuża u lliberatu minnhom u bir-rispett jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet ħtija u l-piena inflitta fuqha dik ta' ħames mitt euro (Ewro 500) in konnessjoni mat-tieni u t-tielet akkuża u minflok ma ssibx lill-imputat ħati ta' dawn l-akkużi u tilliberaħ minnhom.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok l-ammissjoni tal-esponenti mal-pulizija ingħatat mingħajr ma l-esponenti ingħata l-warning u dik l-ammissjoni intużat fil-Qorti bħala prova kontra tiegħu. l-pulizija messu

tah il-caution billi jinfurmah jekk jixtieq jitkellem u jekk jitkellimx dak li ser jgħid jista’ jintuża kontra tiegħu. L-anqas ma ingħata d-dritt li jikkonsulta avukat. Għaldqstant  l-ammissjoni mhijiex valida skond il-Liġi.

2. Illi fit-tieni lok il-Qorti konkludiet li din il-vettura kienet fit-triq mingħajr ma kienet reġistrata għalhekk ma kellha ebda "Trial Run plates" fuqha xi ħaġa li l-esponenti fix-xhieda tiegħu irrbatta bil-qawwa kollha anzi xehed bil-ġurament li kellu t-trial run plates. Di piu’ mix-xhieda bl-affidavit tal-pulizija ma jirriżultax illi ma kellux it-trial run plates.

3. Illi hawn jeżisti konflitt ta' prova ċara u in dubbio pro reo. Illi qiegħed jiġi sottomess illi din l-Onoarbbli Qorti għandha temmen il-verżjoni tal-esponenti għax hija veritiera.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**L-Ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju tal-esponent huwa li r-rikorrent għamel ammissjoni mal-Pulizija mingħajr ma ngħata t-twiddiba u bla konsultazzjoni ma’ avukat. Din il-Qorti fliet sewwa ż-żewġ affidavits ta ‘ PC 475 u PC 1211 li jidhru fil-proċess a folio 2 u folio 3. Fl-affidavit ta’ PC 475 E Farrugia jidhru l-kliem ‘biss stqarr magħna li dik il-vettura kienet tiegħu’. L-istess kliem jidher fl-affidavit ta’ PC 1211 Angelo Briffa. Fil-fehma tal-Qorti dan il-kliem bl-ebda mod ma juri li r-rikorrent ammetta li l-karozza kienet mingħajr pjanċi (t-tieni imputazzjoni) jew li l-karozza kienet qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet (tielet imputazzjoni). Isegwi li r-rikorrent m’għamel ebda ammissjoni dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni u għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

**It-Tieni Aggravju**

Mill-affidavits li diġa saret referenza għalihom jirriżulta li l-vettura tal-għamla Nissan Marchta' lewn ġriż kienet ipparkjata barra mingħajr pjanċi ta' reġistrazzjoni . It-tieni imputazzjoni hija dwar dan in-nuqqas . Tassew li l-appellant xehed li huwa kellu l-pjanċi tat-Trial Run ġewwa l-karozza iżda skont ir-Regolament 36(2) tal-Avviż Legali 368.02, it-Trial Run plates jintużaw waħda fuq quddiem u l-oħra fuq wara tal-vettura . Mix-xhieda tal-appellant ma jirriżultax li t-'Trial Run' plates kienu mwaħħlin skont il-liġi. Mill-bqija hu stess jgħid li l-karozza kienet bla numri (fol 47).

Għaldaqstant it-tieni aggravju qed jiġi milqugħ.

Mir-rikors tal-appell ma jirriżulta ebda aggravju speċifiku dwar is-sejbien ta' ħtija dwar it-tielet imputazzjoni. Ħlief dak li jingħad ġenerikament , b'mod ġenerali ħafna t-tielet aggravju . Hawn l-appellant jinsisti 'in dubeo pro reo' u li l-verżjoni tiegħu għandha titwemmen. Intqal kemm il-darba minn din il-Qorti li din il-Qorti tal-Maġistrati sakemm din setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha raġonevolment. Il-Qorti ma jidrilhiex li f'dan il-każ għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

Għalhekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

Fl-aħħarnett, il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-pieni tal-L.S.368.02 u cioe' Regolament 44 (7) u ser tvarja l-multa imposta stante li l-multa tal-Ewwel Qorti mhijiex fil-parametri stabbiliti.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti inkwantu jirrigwarda l-liberazzjoni mill-ewwel (1), r-raba' (4) u l-ħames (5) akkuża u s-sejbien ta' ħtija għat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża. Dwar l-piena tirrevoka u tħassar il-multa ta' ħames mitt Ewro imposta mill-Ewwel Qorti u minflok tikkundannah għal multa ta' mija u ħamsin Ewro (€150).